GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 18 ta' Mejju 2023 **Ref:** DLAP 109/2023

**Lill-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u l-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet.

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** 'Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema' – Kors qasir għall-Ġenituri/Kustodji ta' Trabi u Tfal żgħar

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, tixtieq tgħarraf lill-ġenituri/kustodji ta' trabi ta' sena u tfal żgħar sa tliet snin li se terġa' torganizza l-kors 'Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema / Parents the First Teachers'.

F'dan il-kors ta' 5 sessjonijiet, il-ġenituri/kustodji flimkien ma' wliedhom jipparteċipaw f'attivitajiet interattivi, li jistgħu jsiru wkoll id-dar minn età bikrija, li fihom it-tfal jiżviluppaw il-ħiliet bażiċi fejjieda tal-lingwa u l-litteriżmu. Il-ġenituri/kustodji jitħarrġu kif jipprattikaw dawn l-attivitajiet mat-tfal tagħhom id-dar.

Il-kors li jmiss se jkun bl-Ingliż u se jsir kull nhar ta' Tlieta mid-9.30 sal-11.00 ta' filgħodu, mit-Tlieta 6 ta' Ġunju 2023 sat-Tlieta 4 ta' Lulju 2023 fil-Kunsill Lokali tas-Swieqi, Triq G. Bessiera, is-Swieqi**.**

Min jixtieq jattendi għandu jċempel 25982999 jew inkella jibgħat ittra elettronika lil aqra.storja@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**